MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-28 ta' Frar, 2003

Citazzjoni Numru. 2773/1997/1

***Joseph u Carmen Mifsud***
***vs***
***Tony u Victoria Bartolo***

Illum 28 ta’ Frar 2003

Il-Qorti,

Rat ir-rikors;

Rat ir-risposta tal-intimati;

Rat id-digriet mghoti minn din il-Qorti fil-24 ta’ Settembru 1997 fejn gie nominat il-Perit AIC Joseph Jaccarini sabiex wara li jezamina d-dokumenti u l-pjanti esebiti u jisma xhieda bil-gurament jirrelata dwar il-kaz;

Rat il-verbal registrat fl-udjenza tal-10 ta' Jannar 2003 fis-sens li *"ir-rikorrenti cedew il-meritu tar-rikors, stante li x-xogholijiet li kellhom isiru llum saru";*

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat:

Illi fl-ewwel lok jigi rilevat li l-kwistjoni li ghadha pendenti f' din il-kawza hija dik limitata ghall-kap tal-ispejjez. Ir-rikorrent Joseph Mifsud fid-deposizzjoni tieghu tal-10 ta' Jannar 2003 xehed li l-meritu jinsab esawrit stante li l-intimat *"ceda li jghamel ix-xogholijiet li kellhom isiru" (fol.98)*; u ghalhekk sostna li huwa m' ghandux ibati l-ispejjez ta' dawn il-proceduri.

Illi din il-Qorti, wara li rat l-atti tal-kawza u senjatament ir-rapport a fols.59 *et seq.* tal-espert tekniku minnha inkarigat, hija tal-fehma li r-rikorrent m' ghandux ibati l-ispejjez tal-proceduri odjerni, stante li dan kien kostrett li jistitwixxi dawn il-proceduri minhabba agir ingustifikat u pretensjoni nfondata tal-intimati li finalment *"cedew li jghamlu x-xogholijiet li kellhom isiru"*.

Ghal dawn il-motivi, filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talba tar-rikorrent dwar il-meritu stante li dan gie cedut, ***tiddeciedi dwar il-kap tal-ispejjez fis-sens li dawn ghandhom jigu sopportati kollha mill-intimati.***

--------------------------------TMIEM-------------------------------